# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-9 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 226/2018/1**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**fl-ismijiet:**

**Vinco Limited**
**(C – 14479)**

**vs.**

**Lawrence Ciantar**
**(Passaport Awstraljan Nr. 45385375)**
**li hu prezentament rapprezentat hawn**
**Malta minn huh Carmel *sive***
**Charles Ciantar (1081447 M) inkwantu**
**mandatarju specjali tieghu**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat id-9 ta' Frar, 2018, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 24), li permezz tieghu:

2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

2.2. Akkoljiet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

2.3. Appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Tirrileva li ghalkemm l-intimat kien debitament notifikat kemm bir-rikors promotur u bl-avviz relattiv ghas-smigh, (ara foll 26), dan baqa' fi stat ta' kontumacja, (ara foll 27);

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

5. Illi s-socjeta` rikorrenti trid izzomm lill-intimat milli jittrasferixxi b'xi mod jew jipoteka l-porzjonijiet ta' art indikati fl-istess rikors promotur, (ara foll 1);

6. Illi bejn il-partijiet kien gie konkluz konvenju *in atti* tan-Nutar Robert Micallef datat it-18 ta' Lulju, 2015, (ara foll 5), b'validita` sal-31 t'Ottubru, 2015, (ara foll 7);

7. Illi l-istess konvenju kien gie estiz sat-30 t'April, 2016, (ara foll 18), u sussegwentement:

7.1. Sakemm tinghata sentenza finali dwar l-ezitu tal-konfini;

7.2. Jew sakemm il-kumpratur jersaq ghall-att finali tat-trasferiment minkejja li tkun ghada ghaddejja il-kawza, (ara foll 20);

Ikkunsidrat:

8. Illi hu pacifiku li l-ghan ta' mandat t'inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga ta' hsara lill-parti li titlob tali mandat;

Ikkunsidrat:

9. Illi tali mandat jinhtieg li r-rikorrenti juri zewg affarijiet, senjatament:

   9.1. Illi l-mandat *de quo* hu mehtieg biex jitharsu d-drittijiet pretizi mir-rikorrenti; u

   9.2. Illi r-rikorrenti jkun jidher li mad-daqqa t'ghajn, ghandu d-drittijiet pretizi fl-istess att gudizzjarju;

10. Illi tali rekwiziti huwa mehtiega oggettivament u mhux soggettivament mid-diskrezzjoni tal-gudikant;

11. Illi ghalhekk, tali drittijiet pretizi minn rikorrenti jew jirrizultaw *in prima facie* jew ma jezistux;

12. Illi *di piu`*, dawn ir-rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi ghal xulxin u ghalhekk, jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-qorti ghandha tirrespingi t-talba ghall-hrug ta' tali mandat;

13. Illi ovvjament, tali procedura hi meqjusa bhala wahda ta' natura sommarja *stante* li mhux ekwivalenti ghal ezami fil-mertu;

14. Illi din il-procedura ghalhekk hi ta' natura eccezzjonali;

15. Illi fil-fatt, meta tali talba tigi milqugha dan ma jfissirx li l-jedd in dizamina ikun ippruvat;

16. Illi *a contrario sensu*, jekk tali talba tigi respinta dan ma jfissirx li d-drittijiet li jistghu jkunu pretizi ma jezistux;

17. Illi ghalhekk l-esplorazzjoni sommarja li trid issir fl-analizi in dizamina hi biss li jigi stabbilit li bl-eghmil partikolari li jkun qed jippreakkupa lir-rikorrenti, jistghu jintilfu ghal dejjem dawk id-drittijiet li r-rikorrenti jkun qed jirrikjama bir-rikors in dizamina;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi min ezami tad-dokumenti *in atti* jirrizulta sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi bejn il-partijiet jirrizulta li hemm ftehim validu u vinkolanti, (ara foll 5);

18.2. Illi dan il-ftehim baqa' jigi ikkonfermat billi gie estiz diversi drabi, (ara foll 18 u 20);

Ikkunsidrat:

19. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li *in prima facie* ir-rikorrenti ghandu d-drittijiet minnu pretizi fir-rikors promotur kontra l-intimat;

20. Illi ghalhekk, jekk dawn id-drittijiet ma jigux tutelati r-rikorrenti jigi pregudikat irrimedjabbilment;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

21.1. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

21.2. Tvarja ghalhekk *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha fuq riferit datat id-9 ta' Frar, 2018, b'mod li issa l-mandat *de quo* jinhareg b'mod permanenti;

21.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**